# Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. JONATHAN CAMILLERI (KI. 292684M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14/02/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**Lill- Jonathan Camilleri** **bin John u Angela nee Camilleri . Imwieled.Pieta.13/06/1984..**
**ID. 292684M** **Toqghod ; `Sun Valley` Triq L-Isperanza, Mosta.**

**BILLI int akkuzat** talli fit-18 ta`Mejju 2022 ghall habta ta`01.15Hrs fi Triq Nutar Zarb, H`Attard, waqt li kont bil-vettura Nru.BCF319 ta`l-ghamla `Ford Transit`,

(1). Soqt l-imsemmija vettura Nru.BCF319 li ma kelliex licenzja biex tintuza fit-triq. (sec.15(1)(a)(3) Chap.65).
(2). Soqt l-imsemmija vettura Nru.BCF319 minghajr ma kienet koperta b`polza ta assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.(Sec.3(1) Chap.104)
(3). Bhala persuna li jew b`kitba, tpingija jew b`mod jew b`mod iehor, biddilt, hassart, sfigurajt jew zidt xi haga f`licenzja ta`xi vettura jew qieghedt fuq vettura diska ta`licenzja li tkun giet mibdula, tkun thassret, tkun giet sfigurata jew li jkun gie mizjud xi haga fiha. cioe kellek licenzja ta vettura ohra EAC934 mahruga fuq vettura ta`ghamla `Kia Ceres`.(Sec.44(3) LS.368.02)
(4). Bhala sid ta`l-imsemmija vettura Nru.BCF319 inqast li tara li jkollha dejjem u f`kull zmien licenzja ta`cirkolazzjoni mahruga mill-Awtorita ghat-Trasport f`Malta.(Sec.14(3) LS.368.02)
(5). Kellek fit-triq l-imsemmija vettura Nru.BCF319. kemm jekk ipparkjata, kemm jekk qed tintuza, minghajr licenzja ghac-cirkolazzjoni valida mahurga mill-Awtorita ghat-Trasport f`Malta. (MVR.13(2) LS.368.02).

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PS 1037 S. Mifsud (affidavit) u Stephen Cachia għan-nom ta' Transport Malta (affidavit).

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Provi*

Jirriżulta mill-affidavit ta' PS 1037 S. Mifsud illi fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi l-imputat kien qiegħed isuq il-vettura Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni BCF-319 ġewwa Triq Nutar Zarb, Attard meta dan twaqqaf mill-Pulizija waqt li kienu qegħdin jagħmlu kontrolli fit-toroq awtorizzati skond il-liġi. L-uffiċjal ra li fuq il-*windscreen* tal-istess vettura l-liċenzja taċ-ċirkulazzjoni li kienet imwaħħla kienet bid-data ta' Mejju 2022. Minn aktar stħarriġ irriżulta lill-Pulizija illi din il-liċenzja filfatt kienet tappartjeni lil vettura oħra bil-pjanċa EAC-934. Meta nqalgħet il-liċenzja minn mal-*windscreen* kien hemm oħra mwaħħla warajha li tappartjeni lill-vettura li kienet qed tinstaq (Ford Transit) liema liċenzja kienet skadiet fi Frar 2022. Minn aktar stħarriġ irriżulta illi l-liċenzja ta' ċirkulazzjoni li kienet tagħlaq f'Mejju 2022 kienet tappartjeni lil vettura Kia Ceres bin-numru ta' reġistrazzjoni EAC-934.

Fl-affidavit tiegħu, Stephen Cachia (Transport Malta) ikkonferma illi l-vettura BCF-319 kienet reġistrata fuq l-imputat fid-data in kwistjoni u kellha l-liċenzja li kienet skadiet fit-28 ta' Frar 2022 u mġedda fid-9 ta' Ġunju 2022. Ikkonferma ukoll illi l-vettura EAC 934 kienet reġistrata fuq Rose Marie Camilleri.

Għalkemm l-imputat ma xehedx u ma ressaqx provi, fl-istqarrija tiegħu tal-25 ta' Mejju 2022 (li ngħatat minnu wara li rrifjuta d-dritt li jkellem avukat tal-fiduċja tiegħu sabiex ikun assistit qabel u waqt l-interrogazzjoni) huwa ammetta illi l-liċenzja taċ-ċirkulazzjoni li kienet imwaħħla fuq il-vettura misjuqa minnu kienet tappartjeni lill-vettura KIA. Huwa qal illi s-sena ta' qabel kien ħallas il-liċenzja tal-KIA u minflokk waħħallha fuq dik il-vettura, minflok waħħalha fuq il-vettura li kien qed isuq u dan sar bi żball ġenwin. Qal ukoll illi huwa mar għand tal-assigurazzjoni sabiex iħallasha u jkun jista' jerġa jieħu lura l-pussess tal- vettura Ford Transit li ġiet maqbuda mill-Pulizija (wara li twaqqaf) u sussegwentement sabiex jagħmillha l-VRT.

*Imputazzjoni numru wieħed (1)*

Din l-imputazzjoni tirriżulta ben pruvata mill-provi fuq prodotti.

*Imputazzjoni numru tnejn (2)*

Kif ġa ngħad jirriżulta mill-provi illi l-imputat kien qed isuq il-vettura in kwistjoni fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi. Issa malli l-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat bit-tieni imputazzjoni (ossia' dik li kien saq mingħajr ma' kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi

persuni), qamet presunzjoni *iuris tantum* illi dan ma' kellux polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skond kif jitlob l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-presunzjoni naturalment tista' tixxejjen mill-imputat stess billi jippreżenta prova kontrarja illi turi illi filfatt kien kopert. Pero' b'differenza għall-ewwel imputazzjoni (u fil-verita' b'differenza għall-maġġoranza assoluta tal-każi fil-kamp penali), ai termini tal-Art. 3(2) tal-istess Kap. l-oneru jaqa' fuq l-imputat illi jipprova li huwa m'huwiex ħati tat-tieni imputazzjoni. Filfatt l-imputat esebixxa polza ta' assigurazzjoni maħruġa minn Elmo Insurance li tkopri *inter alia* lill-*policyholder* Jonathan Camilleri fl-użu tal-vettura in kwistjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Għalkemm il-kopertura bdiet mit-18 ta' Mejju 2022 madanakollu dan kien b'effett mill-10.01am filwaqt li l-allegat reat kien seħħ aktar kmien dakinhar u ċioe fis-1.15am. Filfatt l-imputat innifsu stqarr fl-istqarrija tiegħu li wara li twaqqaf mill-Pulizija huwa immedjatament (u ċioe ftit siegħat wara) mar sabiex jġedded il-polza tal-assigurazzjoni. Għalhekk ġaladarba ma kienx hemm kopertura fil—ħin tal-allegat reat, din it-tieni imputazzjoni tirriżulta ppruvata skond il-liġi.

*Imputazzjoni numru tlieta (3)*

Ir-reat kontemplat fl-Art. 44(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 li huwa ċitat f'din it-tielet imputazzjoni jaqra kif ġej:

> **'44 (3) Persuna li, jew b'kitba, tpinġija jew b'mod ieħor, tibdel, tħassar, tisfigura jew iżżid xi ħaġa f'liċenza ta' xi vettura bil-mutur, jew tqiegħed fuq vettura diska ta' liċenza li tkun ġiet mibdula, tkun tħassret, tkun ġiet sfigurata jew li jkun ġie miżjud xi ħaġa fiha, tkun ħatja ta' reat.'**

Mill-provi rriżulta li l-liċenzja li kienet imwaħħla fuq il-*windscreen* tal-vettura misjuqa mill-imputat kienet liċenzja maħruġa lil vettura oħra pero' ma' kienetx liċenzja mibdula, imħassra, sfigurata jew li altrimenti kellha xi ħaġa miżjuda fiha.

Madanakollu mir-reat kif ravviżat fit-tielet imputazzjoni l-Prosekuzzjoni kienet ċara illi r-reat kien dak illi: ***"kellek liċenzja ta' vettura oħra EAC 934 maħruġa fuq vettura ta' għamla KIA Ceres".*** Għalkemm il-bqija tal-artikolu ċitat (ossia l-Art. 44(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02) m'huwiex applikabbli għal dan ix-xenarju, jidher ċar mill-kliem użat illi dak li kellha f'moħħha l-Prosekuzzjoni kienet li tixli lill-imputat bir-reat ravviżat fl-Art. 44(5) tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja, li jaqra kif ġej:

**'44 (5) Kull persuna li tagħmel użu minn marka ta' reġistrazzjoni xort'oħra minn dik mogħtija mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun ħatja ta' reat.'**

Kif intqal mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Aiman S. Farag** El-Lawati (Appell Nru: 274/2018 CSH, 01/11/2018):

*"L-prosekuzzjoni ma hix obbligata li tipproduci verbatim il-kliem tal-ligi u lanqas li tipprovdi l-artikolu tal-ligi tar-reat li qed takkuza lil dak li jkun bih. Li hu important stante li l-akkzua hija biss avviso di comparirire li l-akkuzat ikun jaf in-natura tal-akkuza u minn dak li jirrizulta juri li l-appellant kien f'posizjoni li jidefendi lilu innifsu ta' din l-ewwel akkuza ghalhekk din it-tieni aggravju qed jigi respint ukoll."*

Huwa ċar illi l-imputat kien jaf bin-natura tal-imputazzjoni li ġiet dedotta kontrih u kien f'posizzjoni tajba li jiddefendi lilu nnifsu ġaladarba l-Prosekuzzjoni niżżlet b'mod ċar illi r-reat kien dak illi kellu liċenzja ta' ċirkulazzjoni li kienet tappartjeni lil vettura oħra speċifikata fl-istess ċitazzjoni. Għalhekk din l-imputazzjoni (Art. 44(5) tal-L.S. 368.02) tirriżulta ppruvata.

*Imputazzjoni numru erbgħa (4)*

Fir-rigward ta' din ir-raba' imputazzjoni u ċioe illi l-imputat bħala sid tal-vettura msemmija naqas li jara li jkollha dejjem u f'kull żmien liċenzja taċ-ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, il-Qorti tqis illi ma' hemm l-ebda piena erogabbli minnha għal din l-imputazzjoni taħt l-artikolu ċitat (u lanqas taħt il-leġislazzjoni sussidjarja 368.02) u li l-multa li tista' tiġi imposta taħt l-Art. 14(4) hija waħda purament ta' natura amministrattiva.

*Imputazzjoni numru ħamsa (5)*

Fir-rigward ta' din il-ħames imputazzjoni u ċioe illi l-imputat kellu vettura bil-mutur fit-triq li kienet qed tintuża mingħajr ma kellha liċenzja maħruġa jew mġedda mill-Awtorita' għat-Transport f' Malta, il-Qorti tqis illi rrispettivament minn jekk dan kienx il-każ jew le, il-Qorti xorta waħda hija tenuta ma timponiex il-piena applikabbli liema piena taqa' taħt l-iskeda ta' pieni elenkati taħt ir-Regolament 44(7) tal-L.S. 368.02. Dan għaliex kif ġie deċiż numru ta' drabi mill-Qorti tal-Appell Kriminali[1], l-pieni taħt ir-Regolament 44(7) tal-L.S. 368.02 ma' jistgħux jiġu erogati mill-Qorti stante illi l-leġislatur ma' pprovdiex għal jekk dawn humiex multi jew

[1] Ara fost oħrajn **Pulizija v. Carmelo Sammut** (App Krim 85/2015 GG, 30/10/2017) u **Pulizija v. James Zammit** (App Krim 66/2021 GG, 29/11/2021)

ammendi. Il-Qorti tawspika li l-leġislatur li ilu jaf b'din l-anomalija (u oħrajn bħalha) għal numru ta' snin jieħu ħsieb jwettaq l-emendi neċessarji għall-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 mingħajr iktar dewmien**.**

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-Art. 44(5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mir-raba' u l-ħames imputazzjoni, qed issibu ħati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u għalhekk qed timmultah il-multa komplessiva ta' elfejn u disa' mitt euro (€ 2,900). B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u tiskwalifka lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien sena u tmient ijiem.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |